**MALTA**

**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**ĠUDIKATUR**

**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tal-11 ta' Mejju, 2018**

**Talba numru: 38/2018 AM3**

**Numru fuq il-Lista: 25**

**Vodafone Malta Limied (C10865)**
**Skyparks Business Centre,**
**Malta International Airport,**
**Luqa LQA 4000**

**Vs**

**Philip Cardona (366875M)**
**Philshir,**
**Triq Fra Ferd Mattei,**
**Zebbug,**
**Malta**

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-Talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fit-18 ta' Jannar, 2018 li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet minghand il-konvenut is-somma ta' elf mija u hamsa u tmenin ewro u disgha u erbghin centezmu (€1,185.49) in konnessjoni ma' servizzi rezi

u l-prodotti provduti in konnessjoni ma’ servizzi ta’ telefonija cellulari bil-kont numru 1.10934775 fuq talba u a beneficcju tal-istess konvenut.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut gie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, hu ma kkontestax il-kawza fit-termini preskritt mil-liġi u lanqas ma ghamel dan wara li deher quddiem dan it-Tribunal fis-seduta tas-16 ta’ Frar, 2018 u ddikjara li kien bi hsiebu jikkontesta l-ammont pretiz u kien inghata minn dan it-Tribunal zmien ta’ tmintax (18)-il jum li bdew jiddekorru minn dakinhar, jigifieri mid-data tas-16 ta’ Frar, 2018, sabiex jipprezenta r-risposta tieghu skont il-ligi. Ra li mill-atti jirrizulta wkoll li barra li l-intimat naqas milli jipprezenta risposta skont il-ligi fi zmien tmintax –il jum kif koncess lilu minn dan it-Tribunal skont il-verbal tas-seduta tas-16 ta’ Frar, 2018, l-intimat naqas ukoll milli jidher ghas-seduta tas-27 t’ April, 2018.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-Socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Semgha bil-gurament lir-rapprezentant tas-socjeta’ attrici tixhed bil-gurament li d-debitu ghadu dovut, isib li t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Għaldaqstant, it-Tribunal wara li semgha lir-rapprezentant tas-socjeta’ attrici tikkonferma li l-ammont kollu ghadu dovut, qed jilqa’ it-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ elf mija u hamsa u tmenin ewro u disgha u erbghin centezmu (€1,185.49c) bl-imghaxijiet legali mid-data tal-fattura relattiva sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali numru 1543/16 a karigu tal-konvenut.

**Dr Anna Mallia**

**Gudikant**